MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 684/2003

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Lorita Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata detentrici ta' karta ta' identita' numbru 362484(M), akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta bejn il-15 u is-16 ta' Awissu, 2003, u x-xaghrejn ta' qabel, go Ta' Qali, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

1. talli bieghet jew offriet li tbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma

kellhiex l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

2. talli kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha,

3. ukoll talli kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat in vista tal-Avukat Generali ai fini tal-Artikolu 120(A) tal-Kap. 31 u l-kontra ordni.

Semghet u ezaminat ix-xhieda prodotta.

Semghet lill-imputata fl-udjenza tal-lum tirregistra ammisjoni f'liema ammisjoni hija insistiet anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidiet:
Stante l-ammisjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputata l-Qorti qeghda ssib l-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet tal-piena l-Qorti thoss li ghandha taghmel s-segwenti osservazjonijiet:
1. l-ammont tal-pilloli maghrufa "ecstasy", konstatati tali mill-espert forensiku nominat mill-Qorti, ma kinux f'numru zghir;

2. mhux kontestat li l-imputata kellha dawn il-pilloli fuq il-persuna taghha waqt attivita (party) f'Ta' Qali.
3. madanakollu l-intenzjoni tal-imputata li tbiegh jew anki li offriet minn dawn il-pilloli lil terzi m'hiex cara u lanqas il-provi ma jaghtu prova cara ta' dan.
4. huwa applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Inghad dan u wara li rat l-Artikolu 120, 120A tal-Kap 31, r-regolament 5 (1) Avviz Legali 22/1985 kif sussegwentament emendat, l-Artikolu 40 A u 120A Tielet Skeda Kap 31, l-Artikolu 16 tal-Att V/1985 kif emendat qeghda tikkundannha xahrejn prigunerija u Lm200 multa zmien sentejn mil-lum ghall-hlas.

Tikkundannha wkoll thallas n-nomina tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Fl-ahharnett tordna d-distruzzjoni tal-pilloli per opera tal-Ispizzjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------